# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 568

Il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 568.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

L-Ambaxxatur Lokali għaż-żgħażagħ talbet li tiġi skużata minħabba raġunijiet ta' edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

### 568.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 568.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

568.3.1 Is-Sindku gharraf lill-Kunsill illi ħarġet skema ta' restawr għall-Kunsilli Lokali iżda ġejna infurmati illi dawn se jkunu għall-Kunsilli ta' Malta biss.

568.3.2 Infetħet skema min-naħa tal-LESA għall-proġetti fil-komunitajiet. Il-Kunsill Lokali ddiskuta dawn il-fondi u qabel li japplika biex inġibu fondi għall-*embellishment* tal-Għadira ta' Sarraflu.

568.3.3 Il-Kunsill talab estensjoni mingħand ir-Reġjun t'Għawdex sabiex jiġi implimentat ix-xogħol ta' automated toilets ġewwa Ġnien il-Familja. Ser nistennew risposta.

568.3.4 Il-WSC bagħtu l-LA il-ġdida dwar id-drenaġġ ta' Triq Għajn Tuta. Bgħatniha lil Perit Robert Grech u lil Perit tal-kuntrattur sabiex japprovawha u nkunu nistgħu niffirmawha min-naħa tagħna.

568.3.5 Il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet fi Triq Qasam San Ġorġ issa ħareġ u għalhekk tlabna estensjoni sa Marzu 2025 lid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

568.3.6 Is-Sindku għarraf illi l-proġett tan-Neighbourhood Watch li qed jiġi mniedi min-naħa tal-Pulizija ħa jibda dalwaqt u se jkunu qed isiru laqgħat mal-pulizija bħala update ta' dak li jkun ġara. Se jsiru wkoll it-tabelli madwar ir-raħal li juru li dik l-area hija taħt in-neighbourhood watch.

568.3.7 Is-Sindku irċieva l-invit għall-Gozo Tourism Awards li se jsiru llejla.

568.3.8 Id-Direttur Ġenerali infurmana dwar kif għandhom jiddaħħlu fl-accounts il-flus li għandna nieħdu lura mir-reġjun ta' Għawdex jew inkella mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar l-iskart.

568.3.9 Rigward il-ħofra kbira li hemm fi Triq Kerċem, il-Kunsill għamel talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jirranġaha. Is-Sindku qal ukoll illi sfrondiet it-triq fi Triq l-Avukat Anton Calleja minn fejn għaddej il-culvert. Din sfrondiet bit-toqol tat-trakkijiet tar-radam u kellna nitolbu permess b'urġenza sabiex tiġi rranġata din il-parti u ineħħu l-periklu kemm jista' jkun malajr.

568.3.10 L-iskola Santa Tereża bgħatu ittra fejn qed jitolbu lill-Kunsill Lokali iħallas Eur50 għal sports instructor biex jagħmlu sessjoni taż-Zumba. Ħadd ma sab oġġeżżjoni. L-istess skola qed titlob ukoll li jitħallsu Eur2,500 minn naħa tal-Kunsill bħala parti mill-ispejjeż għall-Multi-Sensory Room il-ġdida. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jħallas dawn il-flus imma nħeġġuhom sabiex jagħmlu talba lir-Reġjun t'Għawdex ukoll peress li l-iskola ma taqdix tfal minn Ta' Kerċem biss.

## 568.4 Servizz ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ

Is-Sindku qal illi l-ħaddiem li kellna mal-CWS, is-Sur Joe Portelli, ħareġ bil-pensjoni. Peress li kien jaf tajjeb xogħolu, is-Sindku ippropona illi nħaddmuh meta jkollna bżonn ta' xogħol ta' ħitan. Is-Sindku qal li diġa' tana kwotazzjoni ta' Eur7 is-siegħa. Il-Kunsill qabel li nużaw is-servizzi tiegħu sakemm insibu lil xi ħadd ġdid tal-CWS.

## 568.5 Bord ta' Offerti

Is-SE qalet illi l-Kunsill irid jaħtar il-bord għal żewġ offerti li hemm miftuħin li huma:

- KCM/02/2023 - The Organisation and Implementation of an event for Kercem Local Council.
- Upgrading of Public Convenience in Gnien il-Familja, Kercem

Ġie maqbul illi l-bord għaż-żewġ offerti jkun imqassam hekk:
Chairperson – William Sultana, Evaluators – Ing. Mario Cauchi, Dr Joshua Grec, Mario Azzopardi, Segretarju tal-Bord – Marianne Sagona.

## 568.6 Sagra ta' San Girgor 2024

Il-Kunsill applika għall-fondi ta' Easter in Gozo tal-Ministeru għal Għawdex sabiex issir l-attivita' tas-Sagra ta' San Girgor. Ser nieħdu Eur1,500 u l-attivita' se ssir nhar id-9 ta' Marzu 2024.

## 568.7 Performance Bonus tal-Uffiċjali tal-Kunsill Lokali

Il-Kunsill Lokali approva l-Performance Bonus 'in full' tas-Segretarju Eżekuttiv, tal-Assistent Prinċipal u tal-Animal Steward.

## 568.8 Approvazzjoni tal-permess tal-PA dwar il-proġett ta’ Triq Qasam San Ġorġ

Kif issemma aktar qabel, ħareġ il-permess tal-PA dwar il-proġett ta’ Triq Qasam San Ġorġ u se nkunu qed niltaqgħu mal-Perit fil-jiem li ġejjin biex niddiskutu.

## 568.9 Ilmenti u Suġġerimenti

568.9.1 Is-Sindku ġibel l-attenzjoni illi fil-funeral ta’ Ġużepp Grech, il-Kunsill bi żvista m’għamilx bukkett tal-fjuri. Għalhekk ġie deċiż li ssir quddiesa għal ruħu.

568.9.2 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni biex nagħmlu d-dawl mal-bollard ta’ fejn il-Knisja. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

568.9.3 Persuna għamlet talba sabiex issir ħadida fi Triq l-Indipendenza biex anzjana tkun tista’ żżomm magħha biex tinżel il-bankina. Din ser issir quddiem ir-residenza tagħha.

568.9.4 Is-Sindku semma lis-Sur Raymond Grech illi dejjem jagħti s-servizz tiegħu tal-fotografija b’mod volontarju għal kull attivita’ li ssir. Huwa qal li jħoss li għandna ntuh xi ħaġa bħala rikonoxximent ta’ xogħolu. Ġie deċiż li ntuh pittura tal-Knisja Ta’ Kerċem.

568.9.5 Intalbet mera fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Is-Sindku qal li din saret kemm-il darba u kull darba jaqilgħuha. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ma terġax issir.

## 568.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 568.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.00pm u ġiet aġġornata għat-22 ta’ Frar, 2024 f’12pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |